34 Ħanini twil u rqajjaq / Qisu labra ġo' l-istoċċ

Kulma jilbes kollox jixraqlu / Sal-katina ta' l-arloġġ.

35 Dak wiċċek mhux bħal wiċċi / Qisu ħobża tar-razzjon,

Talli inti insulentajtni / Issa rrid sodisfazzjon.

36 Jekk int sabiħa gawdi ġmielek / Jien kerha ngawdi l-unuri

Int sabiħa wieħed kellek / U jien kerha u kelli miljuni.

37 San Ġiljan kollu palazzi / Imdawwar bil-pastażuni

Allavolja aħna foqra,/ Nixbgħu daqs is-sinjuri.

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżda min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiġi pubblikat darba fis-sena, ma jinbiħx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-libreriji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u għandha tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment ta' nteress lokali. Il-indirizz ta' l-Editur huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02.